- *legato di cosa altrui f'testment li jolqot laxxitu*
*tal-konjugu predefunt*
*-validita` o meno tiegħu*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Diċembru 2020.**

**Rikors Nru. 711/19GM**

**Grazio sive Grezzju Patiniott ID 953548M, Josephine Bartolo ID 858147M, Theresa sive Tessie Navarro ID 397351M, Concetta sive Connie Portelli ID 472952M, Catherine sive Katy Degabriele ID 498157M, Christian Barbara ID 157389 u Wayne Barbara ID 24195M**

**vs**

**Carmen Bonnici**

**Il-Qorti,**

Din hija kawża għall-immissjoni fil-pussess ta' legat.

M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti :

Fil-15 ta' Settembru 2001 miet Carmelo Patiniott u ħalla lit-tmien uliedu bħala l-unika werrieta universali tiegħu u patruni assoluti tal-ġid tiegħu f'sehem indaqs bejniethom, u dana skond l-aħħar testament tiegħu flimkien ma' martu Saveria Patiniott, datat 2 ta' Lulju 1996.

Fit-12 t'Awissu 2011 mietet Saveria Patiniott u ħalliet lit-tmien uliedha bħala l-unika werrieta universali tagħha f'sehem indaqs bejniethom, u dana skond t-testment unica charta fuq imsemmi.

Bis-sitt artikolu tal-imsemmi testament il-konjuġi Patiniott istitwew ukoll prelegat in assoluta proprjeta` l-fond numru 23 fi Triq Sciortino, Żejtun favur uliedhom barra minn Antonio bl-obbligu li meta jinbiegħ il-fond jagħtuh 1/8 mir-rikavat.

Bil-ħames artikolu tal-imsemmi preċitat testament id-*decujus* Carmelo Patiniott ta lil martu l-fakulta` li tista' tbiddel u timmodifika dak l-imsemmi testment rigward sehemha.

Bl-ewwel artikolu tat-tieni testament tagħha datat 5 ta' Lulju 2003 Saveria Patiniott ikkanċellat is-sitt artiklu tat-testment Unica Charta tagħha u ssostitwietu bi prelegat tal-fond numru 23 fi Triq Sciortino, Żejtun favur uliedha barra minn Antonio. Iddikjarat li kienet taf li nofs il-post kien tal-mejjet żewġha. Mill-bqija kkonfermat it-testment preċedenti tagħha ma' zewġha. Id-differenza bejn il-prelegat fl-ewwel testment u dak tat-tieni testment hu li neħħiet l-obbligu tal-prelegatarji milli jikkumpensaw lil Antonio ta' sehmu.

Bl-ewwel artikolu tat-tielet testment tagħha datat 10 ta' Novembru 2006 Saveria Patiniott reġgħet mmodifikat it-testmenti tagħha preċedenti fis-sens illi filwaqt li konfermathom, ħalliet bi prelegat l-istess fond u, filwaqt li reġgħet ħalliet barra lil binha Antonio, ħalliet barra wkoll lil bintha Carmen Bonnici u inkludiet lin-neputijiet tagħha Christian u Wayne aħwa Barbara in rappreżentanza *'per stripes'* ta' ommhom Mary Barbara fi kwoti ndaqs ta' sesta parti kull wieħed. F'dan it-testment, ma ddikjaratx li nofs il-fond kien ta' żewġha u minflok iddikjarat li kienet akkwistatu hi b'att tan-Nutar Carbonaro tad-9 ta' Lulju 1981. Mill-bqija kkonfermat it-testmenti tagħha preċedenti kwanti kompatibbli ma' dan l-aħħar testment tagħha Dok I. Filwaqt li fit-tieni testment ħassret espressament il-legat tal-ewwel testment, fit-tielet testment ma ħassritx espressament il-legat kif kien imħolli minnha stess fit-tieni testment.

B'att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tal-11 ta' Frar 2012, il-legatarji ddikjaraw li l-fond suġġett tal-legat kien (kollu kemm hu) ta' Saveria Patiniott.

Il-werrieta kollha inkluż Anthony Patiniott bl-eċċezzjoni tal-konvenuta resqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta' imissjoni fil-pussess tal-imsemmi legat.

Fis-seduta tat-13 t'Ottubru 2020, il-partijiet qablu li l-fond suġġett tal-legat kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Patiniott.

L-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi għandhom id-dritt li jkunu immessi fil-pussess tal-legat tal-fond numru 23 Triq Sciortino Zejtun.
2. Taħtar Nutar Pubbliku Malti Dott. Joseph Tabone sabiex jippubblika l-att relattiv għall-immissjoni fil-pussess tal-imsemmi legat.

3. Tiffissa data, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi.
4. Tordna lill-intimata sabiex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv quddiem in-Nutar hekk maħtur għal dan l-iskop, fil-jum, ħin u lok iffissat mill-Qorti.
5. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw fuq l-att relattiv lill-eventwali kontumaċi.
6.

Permezz tar-Risposta Ġuramentata l-konvenuta eċċepiet illi ma kinitx taqbel li għandu jingħata effett lill-aħħar testment ta' ommha b'mod li tiġi eskluża għal kollox mill-prelegat tal-fond *de quo* u kien għalhekk li ma qablitx dwar l-immissjoni fil-pussess.

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm, l-atturi sostnew li d-dikjarazzjoni li għamlet it-testatriċi fit-tieni testment li kienet taf li nofs il-fond japparjeni lil żewġha ma ġietx imħassra fit-tielet testment u għalhekk għandha titqies li tifforma parti mill-istess testment aħħari ta' Saveria Patiniott. Il-legat fit-tielet testment mhux legat ġdid imma modifika tal-legat imħolli fit-tieni testment. Il-konvenuta issottomettiet li l-legat fit-tielet testment ta' Saveria Patiniott ma jiswiex għaliex huwa legat ġdid u mhux sempliċi modifika tal-legat ta' qabel; li Saveria ma ddikjaratx li kienet qiegħdha tagħmel legat *di cosa altrui ;* u li kienet qiegħdha tbiddel it-testment ta' żewġha bi ksur tal-Art. 592(2) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti ma tistax taqbel mal-atturi li kien hemm sempliċi modifika tal-istess legat u mhux legat ġdid. Għalkemm it-testatriċi fit-tielet testment ma qalitx espressament li kienet qiegħdha tħassar il-legat tat-tieni testment, permezz tal-Ewwel Artiklu tat-tielet testment hija ddikjarat li kienet qiegħdha tħalli legat lill-persuni hemm imsemmija, u mhux li kienet qiegħdha timmodifika l-legat tat-tieni testment. Għalhekk ma jistax jitqies li l-istituzzjoni tal-legat fl-ewwel testment baqgħet hemm iżda ġiet modifikata. Hija tħassret, flimkien mad-dikjarazzjoni tal-konoxxenza tal-*legato di cosa altrui*. Si tratta ta' legat ġdid li ma jsemmix li

kienet taf li nofs il-fond imħolli minnha b'legat kien jappartjeni lill-assi tal-mejjet żewġha. Mhux hekk biss imma : fit-tielet testment iddikjarat bil-kontra u ċjoe` li l-fond kien tagħha (biss) u li kienet akkwistatu hi – u mhux hi u żewġha. Saħansitra l-legatarji rripetew din l-affermazzjoni fid-dikjarazzjoni *causa mortis*.

Il-konvenuta tisħaq li anke kieku kellu jitqies li d-dikjarazzjoni tat-testatriċi fit-tieni testment fis-sens li taf li nofs il-fond mertu tal-legat kien jappartjeni lil żewġha ma tħassritx bit-tielet testment, xorta waħda l-legat fit-tielet testment ma kienx validu billi jikser id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 592(2) li jgħid li «Kemm-il darba » testment unica charta « jiġi mħassar minn wieħed mit-testaturi kwantu għall-assi tiegħu, jibqa' sħiħ kwantu għall-assi tal-ieħor ». M'hemm xejn x'iżomm konjugu superstiti milli jħalli b'legat ġid tal-konjugu predefunt diment li ma jkunx hemm testment *unica charta*. F'dan il-każ, iżda, hemm dan it-tip ta' testment. Iqum il-kweżit jekk legat ta' ġid il-mejjet jammontax għal tibdil fit-testment tiegħu.

Kif inhu magħruf, it-testment unica charta ghandu elementi kuntrattwali ; kull testatur jitqies li għamel id-disposizzjonijiet tiegħu prattikament bil-patt li t-testatur l-ieħor jiddisponi l-assi tiegħu b'ċertu mod. Tant li jekk il-konjugu supertititi jbiddel it-testment tiegħu, għalkemm id-disposizzjonijiet tiegħu ma jkunux nulli – bi tħaris tal-prinċipju tal-liberta` testamentarja – in omaġġ għall-prinċipji kuntrattwali jista' f'xi ċirkostanzi jinkorri ċerti konsegwenzi. Issa fil-każ preżenti, it-testatriċi superstiti ittentat tagħmel legat ta' ħaġa ta' żewġha. Jista' jitqies li dan jammonta għal bdil fit-testment ta' żewġha ? M'hemmx dubbju li b'daqshekk ma jkunx inbidel it-testment għall-inqas mhux *de jure*. B'danakollu, ikun inbidel *de facto*. Dan huwa permess ? Il-liġi tgħid li t-testment tat-testatur predefunt għandu « jibqa' sħiħ » bla ma tispeċifika f'liema sens jibqa' hekk.

Il-liġi tagħraf li l-bdil tat-testment tiegħu unica charta għar-rigward ta' sehem is-superstiti jista' jseħħ mhux biss *de jure,* billi jħassar il-parti tiegħu tat-testment unica charta jew billi jagħmel testment ieħor, imma wkoll *de facto* ; meta « minħabba għemilu jew għemilha, l-imsemmi laxxitu ma jkunx jista' jkollu effett kwantu għall-beni tiegħu jew tagħha. » (Art. 593(2) Kodiċi Ċivili). Per eżempju billi jerġa' jiżżewweġ.

Din il-Qorti ma tarax għaliex dak li japplika għal tibdil fir-rigward tal-ġid tas-superstiti m'għandux japplika, b'analoġija, wkoll għal tibdil fl-assi tal-predefunt ; fi kliem ieħor li jiġi kkunsidrat li b'xi azzjoni tas-superstiti, it-testment tal-predefunt jiġi mibdul anke *de facto* – kif bla dubbju seħħ fil-każ preżenti bit-tneħħija tal-legat li l-missier ħalla lill-konvenuta.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż a kariku tagħhom.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA